MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 837/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Marvic Micallef (ID31175M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' sitt mitt Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (LM600.37) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu in-numr 21470304 (account number 40003210) .

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjes u bl-imghaxijiet mid-datat tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra l- konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata minn Dr Ingrid Zammit Young fl-20 ta' Marzur, 2007 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Illi li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------